MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Numru 250/2014

**Il-Pulizija**

**(Spt. Jeanne Farrugia)**

**vs**

**Yones Omar**

**Illum 12 ta’ Marzu, 2014**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Yones Omar ta’ 23 sena, iben Ismaail u Wedad, imwieled fis-Sirja nhar l-1 ta’ Jannar, 1991, residenti gewwa Hal Far Open Centre, moghti numru 13V-119 mill-pulizija;

> Akkuzat talli f’Dicembru tas-sena 2013, bhala persuna illi imbarka jew zbarka, minn jew go Malta naqas illi jkollu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principal ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata;

Wara li rat l-artikolu 28 u 32 tal-Kap 217;

Tikkundanna lill-imputat ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ sitt (6) xhur mil-lum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------